SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

8 ta' Diċembru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 56 — Post tal-provvista ta' servizzi — Kunċett ta' 'drittijiet simili' — Trasferiment ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra"

Fil-Kawża C-453/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (qorti tal-ġustizzja federali, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Lulju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Awwissu 2015, fil-proċeduri kriminali kontra

A,

B,

fil-preżenza ta':

Generalbundesanwalt beim Bundesgerichtshof,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, A. Prechal, A. Rosas, C. Toader u E. Jarašiūnas (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali : M. Wathelet,

Reġistratur: M. Aleksejev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Lulju 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal A, minn M. Wulf u M. Langrock Rechtsanwalt,

— għal B, minn A. Norouzi u O. Sahan, Rechtsanwalt,

— għall-Generalbundesanwalt beim Bundesgerichtshof, minn P. Frank, f'ismu proprju, kif ukoll minn S. Heine, bħala aġent,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u K. Petersen, bħala aġenti,

— għall-Gvern Elleniku, minn E. Tsaousi u A. Dimitrakopoulou, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Wasmeier u M. Owsiany-Hornung, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra A u B dwar kompliċità fi frodi fiskali.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-VAT intitolat "Regola ġenerali", li jinsab fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu 3 li jinkludi r-regoli dwar il-post tal-provvista ta' servizzi jiddisponi :

"Il-post minn fejn hu pprovdut is-servizz għandu jitqies li jkun il-post fejn il-fornitur ikun stabbilixxa n-negozju tiegħu jew ikollu stabbiliment fiss minn fejn hu pprovdut is-servizz, jew, fin-nuqqas ta' post bħal dan tan-negozju jew stabbiliment fiss, il-post fejn hu jkollu l-indirizz permanenti tiegħu jew fejn normalment ikun residenti."

4 L-Artikolu 56(1) ta' din id-direttiva, li jifforma parti mis-sub-taqsima 5 intitolat "Provvista ta' servizzi varji", tat-Taqsima 2 li tinkludi dispożizzjonijiet partikolari tal-istess Kapitolu 3, jipprevedi :

"Il-post ta' provvista tas-servizzi li ġejjin lil konsumaturi stabbiliti barra mill-Komunità, jew lil persuni taxxabbli stabbiliti fil-Komunità imma mhux fl-istess Stat Membru bħall-fornitur, għandu jkun il-post fejn il-konsumatur stabbilixxa n-negozju tiegħu jew għandu stabbiliment fiss li għalih jingħata s-servizz, jew, fin-nuqqas ta' post bħal dan, il-post fejn hu jkollu l-indirizz permanenti tiegħu jew fejn normalment ikun residenti:

a) trasferimenti u ċessjonijiet ta' drittijiet ta' l-awtur, brevetti, liċenzji, trejdmarks u drittijiet simili;

[...] "

5 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631, jinkludi b'mod partikolari d-definizzjoni li ġejja:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

a) "kwota ta' emissjoni" tfisser id-dritt ta' emissjoni ta' tunnellata metrika tal-ekwivalenti tad-dijossidu tal-karbonju matul perjodu taż-żmien speċifikat, li għandha tkun valida biss sabiex tissodisfa l-ħtiġiet ta' din d-Direttiva u għandha tkun trasferibbli skont id-disposizzjonijiet ta' dan id-Direttiva;

[...] ”

6 L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87 jiddisponi li :

“1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li jiġi stabbilit u miżmum uffiċċju tar-reġistrazzjonijiet sabiex jiżgura l-kontabbiltà eżatta tal-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti. L-Istati Membri jistgħu jżommu l-uffiċċji tagħhom tar-registrazzjonijiet f’sistema konsolidata, flimkien ma’ Stat Membri ieħor jew iktar.

2. Kull persuna jista’ jkollha kwoti. L-uffiċċju tar-reġistrazzjonijiet għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku u għandu jkun fih kontijiet separati sabiex jirreġistra l-kwoti miżmuma minn kull wieħed mill-persuni li lilhom jew minn għandhom joħorġu jew jiġu ttrasferiti l-kwoti.

[...]”

Id-dritt Ġermaniż

7 Skont l-Artikolu 3a tal-Umsatzsteuergesetz (liġi dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud, iktar ’il quddiem l-“UStG”), intitolat “Il-post tal-provvista ta’ servizzi oħra”, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali:

“1. Bla ħsara għall-Artkoli 3b u 3f, is-servizzi oħra għandhom jiġu pprovduti fil-post fejn l-imprenditur jeżerċita l-attività tiegħu. Meta dak is-servizz huwa pprovdut minn stabbiliment fiss, dan għandu jitqies bħala l-post tal-provvista.

[...]

3. Jekk id-destinatarju ta’ wieħed mis-servizzi l-oħra msemmija fil-paragrafu 4 huwa impriża, b’deroga mill-paragrafu 1, is-servizz għandu jitqies li ġie pprovdut fil-post fejn id-destinatarju jeżerċita l-attività tiegħu. Madankollu, jekk is-servizz jiġi pprovdut għall-istabbiliment fiss tal-impriża, huwa l-post ta’ dan l-istabbiliment li huwa determinanti. Jekk id-destinatarju ta’ wieħed mis-servizzi l-oħra msemmija fil-paragrafu 4 ma huwiex impriża u huwa għandu d-domiċilju tiegħu jew is-sede tiegħu fit-territorju ta’ pajjiż terz, is-servizz għandu jitqies li ġie pprovdut fid-domiċilju jew fis-sede tiegħu.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-kliem “servizzi l-oħra” jfissru:

1) iċ-ċessjoni, it-trasferiment u l-użu ta’ brevetti, ta’ drittijiet tal-awtur, ta’ drittijiet relatati u ta’ drittijiet simili oħra;

[...]”

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

8 A u B, li jaħdmu għal kumpannija ta’ konsulenza fiskali, ġew ikkundannati mil-Landgericht Hamburg (qorti reġjonali ta’ Hamburg, il-Ġermanja) għall-ħlas ta’ multa minħabba kompliċità fi frodi fiskali fil-kuntest ta’ kawża li tirrigwarda sistema ta’ frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), implementata minn imputat ieħor, G, minn April 2009 sa Marzu 2010 u intiża sabiex tevadi l-imsemmija taxxa fl-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjoni ta’ gassijiet serra.

9 F’din is-sistema ta’ frodi kienu involuti diversi kumpanniji. Kumpannija E, stabbilita fil-Ġermanja u effettivament ikkontrollata minn G, xtrat barra mill-pajjiż kwoti ta’ emissjoni ta’ gassijiet serra eżenti mill-VAT u bigħethom mill-ġdid lill-kumpannija I stabbilita fil-Lussemburgu, immexxija wkoll minn

G. Din tal-aħħar ħarġet, bħala fatturi, noti ta' kreditu favur il-kumpannija E li kienu jsemmu l-VAT applikabbli fil-Ġermanja u biegħet mill-ġdid dawn il-kwoti lill-kumpannija C, stabbilita fil-Ġermanja, fejn in-noti ta' kreditu stabbiliti għal dan il-għan kienu jsemmu wkoll il-VAT applikabbli fil-Ġermanja.

10 Fid-dikjarazzjonijiet provviżorji tal-VAT tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' trimestru tal-2009, il-kumpannija E ddikjarat il-prodott tal-bejgħ tal-kwoti lill-kumpannija I billi pproċediet, fuq il-bażi tal-fatturi foloz ta' allegati fornituri nazzjonali, għal tnaqqis tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud imħallsa. Għax-xhur ta' Jannar u Marzu 2010, din il-kumpannija ma ppreżentatx dikjarazzjoni provviżorja. B'dan il-mod hija evitat il-ħlas ta' ammont totali ta' EUR 11484179.12. Il-kumpannija I, min-naħa tagħha, iddikjarat, għall-perijodi minn April sa Lulju 2009, Settembru 2009 sa Jannar 2010 u ta' Marzu 2010, is-servizzi pprovduti lill-kumpannija C bħala tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT u naqqset indebitament il-VAT li kienet tidher fuq in-noti ta' kreditu maħruġa favur il-kumpannija E bħala taxxa tal-input imħallsa, u b'hekk evitat li tħallas is-somma ta' EUR 10667491.10.

11 A u B wettqu, b'effett mill-aħħar ta' Mejju 2009, attività ta' konsulenza fiskali favur il-kumpannija I u ġew inkarigati minn G sabiex ifasslu rapport qasir dwar is-sitwazzjoni ta' din il-kumpannija fil-qasam tal-VAT. F'dan ir-rapport, huma indikaw li l-kumpannija I setgħet issemmi l-VAT applikabbli fil-Ġermanja u tnaqqasha bħala taxxa tal-input imħallsa biss jekk hija kellha stabbiliment fil-Ġermanja fejn teżerċita l-attivitajiet korrispondenti u li l-fatturi maħruġa qabel it-twaqqif ta' stabbiliment fil-Ġermanja kellhom jiġu kkoreġuti.

12 Fid-dawl ta' kuntratt b'data retroattiva ta' kiri ta' uffiċċji fil-Ġermanja b'effett mill-1 ta' April 2009, A u B, li ma kinux jafu bir-rwol li kienet qiegħda twettaq il-kumpannija I fis-sistema ta' frodi fiskali, ippreparaw, f'isimha, dikjarazzjonijiet provviżorji tal-VAT ikkoreġuti għal April u Mejju 2009, li huma bagħtu fit-12 ta' Awwissu 2009 lill-awtorità tat-taxxa Ġermaniża. Huma semmew, f'dawn id-dikjarazzjonijiet, il-VAT imsemmija fin-noti ta' kreditu maħruġa favur il-kumpannija E bħala taxxa tal-input imħallsa, u dan fl-ammont ta' EUR 147519.80 għax-xahar ta' April 2009 u ta' EUR 1146788.70 għax-xahar ta' Mejju 2009, għalkemm huma qiesu li kien "probabbli ħafna" li l-kumpannija I ma kellhiex stabbiliment fil-Ġermanja.

13 Adita b'appelli fuq punti ta' liġi mis-sentenza tal-Landgericht Hamburg (qorti reġjonali ta' Hamburg) ippreżentati minn A u B kif ukoll mill-uffiċċju tal-prosekutur, il-Bundesgerichtshof (qorti tal-ġustizzja federali, il-Ġermanja) esponiet li l-kwistjoni dwar jekk A u B kinux ħatja ta' kompliċità fi frodi fiskali skont id-dritt kriminali Ġermaniż tiddependi fuq il-kwistjoni dwar jekk huma kinux intenzjonalment ippreżentaw dikjarazzjonijiet provviżorji tal-VAT mhux korretti lill-awtorità tat-taxxa, li fihom tnaqqsu indebitament taxxi tal-input imħallsa fir-rigward tan-noti ta' kreditu għas-servizzi pprovduti mill-kumpannija E. Billi A u B ma kinux jafu bl-involviment tal-kumpanniji E u I fis-sistema ta' frodi tal-VAT implementata minn G, il-qorti tar-rinviju tkompli billi tgħid li dan seta' jkun il-każ biss jekk ebda tnaqqis ta' taxxa tal-input imħallsa ma seta' jsir fir-rigward tan-noti ta' kreditu maħruġa favur il-kumpannija E, peress li dawn ma setgħux isemmu VAT. Hija tippreċiża li madankollu, fir-rigward tal-fatturi indirizzati lill-kumpannija I, li għandha s-sede tagħha fil-Lussemburgu, dan kien il-każ biss jekk il-post tal-provvista li tikkonsisti fit-trasferiment ta' kwoti ma kienx jinsab fil-Ġermanja. Madankollu, ir-riferiment għall-VAT mill-kumpannija E fil-konfront tal-kumpannija I kienet illegali biss jekk, skont l-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT, il-post tal-provvista ma kienx dak tal-fornitur tas-servizzi, il-kumpannija E, iżda dak tad-destinatarju, il-kumpannija I, b'mod li l-provvista ma kinitx taxxabbli fil-Ġermanja.

14 Il-qorti tar-rinviju tinnota li din l-aħħar kundizzjoni tippresupponi li, fl-2009, il-post tal-provvista għat-trasferiment ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra kellu jkun, fis-sens tal-Artikolu 3a(4) tal-UStG, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, li tittrasponi fid-dritt Ġermaniż, l-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT, il-post li fih id-destinatarju kien stabbilixxa s-sede tal-attività ekonomika tiegħu jew li fih kellu stabbiliment stabbli, liema fatt jimplika l-kwistjoni dwar jekk dawn il-kwoti jikkostitwixxux "dritt simili" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

15 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "drittijiet simili", fis-sens tal-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT ma hijiex daqstant ċara li ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli. Madankollu, hija propensa li taħseb li dawn il-kwoti huma "simili" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, billi l-kelma "simili" tfisser "li għandhom ċerti karatteristiċi korrispondenti" jew "li jixxiebħu", sa fejn id-drittijiet iċċitati f'din id-dispożizzjoni huma kkaratterizzati mill-fatt li l-leġiżlatur jagħti lid-detentur dritt assolut, b'tali mod li jagħtih kompetenza esklużiva sabiex juża u jużufruwixxi mill-imsemmi dritt, billi jeskludi persuni oħra. Il-kwoti ta' emissjonijiet huma, għalhekk, paragunabbli mad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

16 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesgerichtshof (qorti tal-ġustizzja federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva [tal-VAT] [...] għandu jiġi interpretat fis-sens li kwota ta' emissjoni fis-sens tal-Artikolu 3[a] tad-Direttiva 2003/87[...], li tagħti d-dritt ta' emissjoni ta' tunnellata metrika tal-ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju matul perijodu ta' żmien speċifikat, tikkostitwixxi "dritt simili" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni?"

Fuq id-domanda preliminari

17 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li d-"drittijiet simili" imsemmija minn din id-dispożizzjoni jinkludu l-kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra ddefiniti fl-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2003/87.

18 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li l-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-VAT jinkludi regola ġenerali għad-determinazzjoni tal-post ta' tassazzjoni tal-provvista ta' servizz, filwaqt li l-Artikoli 44 *et seq* ta' din id-direttiva jipprevedu sensiela ta' postijiet ta' tassazzjoni speċifiċi. Kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dispożizzjonijiet essenzjalment identiċi għall-Artikolu 9 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, iktar 'il quddiem is-"sitt direttiva"), ma teżisti ebda preeminenza tal-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-VAT fuq l-Artikoli 44 *et seq* tagħha. F'kull sitwazzjoni, id-domanda li tqum hija jekk din tikkorrispondix għal wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikoli 44 *et seq* ta' din id-direttiva. Huwa fin-nuqqas ta' dan li l-imsemmija sitwazzjoni taqa' taħt l-Artikolu 43 tagħha (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Settembru 1996, Dudda, C-327/94, EU:C:1996:355, punti 20 u 21, u tas-6 ta' Novembru 2008, Kollektivavtalsstiftelsen TRR Trygghetsrådet, C-291/07, EU:C:2008:609, punti 24 u 25).

19 Minn dan isegwi li l-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT ma għandux jitqies bħala eċċezzjoni għal regola ġenerali li għandha tingħata interpretazzjoni stretta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ottubru 2005, Levob Verzekeringen u OV Bank, C-41/04, EU:C:2005:649, punt 34, u tas-7 ta' Settembru 2006, Heger, C-166/05, EU:C:2006:533, punt 17).

20 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat jekk it-trasferiment ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra jikkorispondix għal wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT, jiġifieri "trasferimenti u ċessjonijiet ta' drittijiet ta' l-awtur, brevetti, liċenzji, trejdmarks u drittijiet simili".

21 Għandu jiġi kkonstatat li tali korrispondenza ma tidhirx b'mod manifest mill-formulazzjoni tal-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT, peress li d-drittijiet imsemmija fih b'mod espliċitu jirrigwardaw il-qasam tal-proprjetà intellettwali, filwaqt li l-kwoti ddefiniti fl-Artikolu 3(a)

tad-Direttiva 2003/87, li jikkostitwixxu awtorizzazzjoni tal-Istat jew tal-awtoritajiet pubbliċi għall-emissjoni ta' gassijiet serra matul perijodu ta' żmien speċifikat, ma humiex koperti minn dan il-qasam.

22 Madankollu, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li, kif osserva l-Avukat Ġenrali fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, hemm xebh bejn il-kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra u dawn id-drittijiet kollha, jew uħud minnhom. Għalhekk, b'mod partikolari, dawn il-kwoti u dawn id-drittijiet huma immaterjali, jagħtu lid-detentur tagħhom dritt esklużiv, u jistgħu jiġu ttrasferiti lil terza persuna permezz ta' ċessjoni jew konċessjoni, skont il-każ, sabiex din it-terza persuna tużahom għall-bżonnijiet ta' attività ekonomika. Barra minn hekk, bl-istess mod kif uħud minn dawn id-drittijiet huma suġġetti għal reġistrazzjoni, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87, id-detenzjoni u t-trasferiment tal-imsemmija kwoti huma suġġetti għal reġistrazzjoni f'reġistru.

23 Fit-tieni lok, il-korrispondenza bejn il-każijiet imsemmija fl-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT u l-kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra għandha tiġi evalwata wkoll billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-iskop ta' din id-dispożizzjoni.

24 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-għan tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT li jiddeterminaw il-post ta' tassazzjoni tal-provvista ta' servizzi huwa li jiġu evitati, minn naħa, kunflitti ta' ġurisdizzjoni li jistgħu jwasslu għal tassazzjoni doppja u, min-naħa l-oħra, għan-nuqqas ta' tassazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2008, Kollektivavtalsstiftelsen TRR Trygghetsrådet, C-291/07, EU:C:2008:609, punt 24, u tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses, C-419/14, EU:C:2015:832, punt 41).

25 Fir-rigward tal-Artikolu 9 tas-sitt Direttiva 77/388, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat li l-loġika li fuqha huma bbażati d-dispożizzjonijiet dwar il-post tal-provvista ta' servizz tirrikjedi li, sa fejn ikun possibbli, l-oġġetti u s-servizzi jiġu ntaxxati fil-post ta' konsum (sentenza tat-3 ta' Settembru 2009, RCI Europe, C-37/08, EU:C:2009:507, punt 39).

26 L-inklużjoni tal-kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra fid-"drittijiet simili" imsemmija fl-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT tindirizza dan il-għan u din il-loġika.

27 Fil-fatt, minn naħa, peress li t-trasferiment tal-kwoti għandu jiġi rreġistrat, b'mod obbligatorju, fir-reġistru previst fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87, l-identità tax-xerrej, il-post fejn huwa stabbilixxa s-sede tal-attività ekonomika tiegħu jew fejn għandu stabbiliment stabbli li għall-bżonnijiet tiegħu jitwettaq it-trasferiment, jew ukoll il-post tad-domiċilju tiegħu jew tar-residenza abitwali tiegħu u, konsegwentement, ukoll il-pajjiż ta' destinazzjoni tat-trasferiment jistgħu jiġu ddeterminati b'mod faċli u b'ċertezza kbira.

28 Min-naħa l-oħra, peress li, bħala prinċipju, il-kwoti ttrasferiti għandhom jintużaw fil-post fejn ix-xerrej jeżerċita l-attività ekonomika tiegħu, it-tassazzjoni f'dan il-post tal-provvista ta' servizzi li jikkonsistu f'trasferiment ta' kwoti tippermetti li din il-provvista tiġi suġġetta għas-sistema tal-VAT tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jintużaw l-imsemmija kwoti.

29 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 84 tal-konklużjonijiet tiegħu, hija din is-soluzzjoni li kienet aċċettata mill-maġġoranza kbira tal-Istati Membri qabel, minn naħa, it-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/8/KE, tat-12 ta' Frar 2008, li temenda d-Direttiva tal-VAT fir-rigward tal-post tal-forniment [provvista] ta' servizzi (ĠU 2008, L 44, p. 11), li mill-1 ta' Jannar 2010, stabbilixxiet ir-regola ġenerali għall-provvista ta' servizzi lill-persuni taxxabbli, li l-post tal-provvista huwa dak fejn id-destinatarju huwa stabbilit u, min-naħa l-oħra, it-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/23/UE, tas-16 ta' Marzu 2010, li temenda d-Direttiva tal-VAT fir-rigward ta' applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront tal-fornimenti ta' ċerti servizzi suxxettibbli għal frodi (ĠU 2010, L 72, p. 1), li inkludiet fid-Direttiva

tal-VAT l-Artikolu 199a li jiddisponi li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT għandha tkun il-persuna taxxabbli destinatarja ta' trasferiment ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87.

30 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li d-"drittijiet simili" imsemmija f'din id-dispożizzjoni jinkludu l-kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra ddefiniti fl-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2003/87.

Fuq l-ispejjeż

31 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li d-"drittijiet simili" imsemmija f'din id-dispożizzjoni jinkludu l-kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra ddefiniti fl-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE.

Firem